Minuti tal-Laqgħa Nru.14 (Erbatax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 t'April, 2014 fid-9.30am

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Madum tal-Knisja - Is-Sindku qal li x-xogħol tal-madum bħalissa wieqaf imma ser niġru warajhom sabiex ilestu malajr kemm jista' jkun.

   3.2 Newsletter – Il-Kunsill iddeċieda unanimament li tintgħażel l-offerta ta' Bonniċi's Press. Il-Kunsill qabel li kull kunsillier irid jipprepara artiklu ta' mhux itwal minn nofs paġna A4 u li jittratta fuq ix-xogħol fuq id-dekasteri tiegħu. Hu maħsub li l-ewwel ħarġa tinħareġ sat-30 ta' Mejju.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

3.3 Il-Kuntrattur tal-Knis il-ġdid jidher li għandu ħaddiema bil-permessi neċessarji kollha li ma jitħallsux bil-prekarjat. Għalhekk nistgħu nipproċedu bil-kuntratt tiegħu.

3.4 Telephone Box – Is-Sur Valvo qal li din ma tistax issir fejn iz-zuntier tal-Knisja minħabba li waqt il-ħin tal-quddies ma jkunx lok li xi ħadd iċempel għalhekk insibu post alternattiv.

3.5 Minuta 8.1 Is-Sinjura Doris Borg qalet li l-qari ma jsirx fis-Sajf biss però hija esiġenza importanti. Is-Sindku qal li il-Kunsill bħal dejjem jorganizza sensiela ta' korsijiet lit-tfal tal-lokal fis-Sajf. F' dak iż-żmien it-tfal ikunu aktar liberi mill-iskola. Is-Sinjura Borg oġġezzjonat li jsiru fis-Sajf biss, però s-Sindku qal li filwaqt ma nistgħux ngħaddu l-messaġġ li l-għalliema tax-Xgħajra m' humiex kapaċi jgħallmu sew, fl-istess ħin ser ikun hemm opportunitajiet diversi għat-tfal matul il-vaganzi tas-Sajf. Sa. Borg baqgħet tinsisti li Story Telling għandu jsir fil-librerija bħala parti mill-lezzjonijiet li hija qiegħda tagħti. Is-Sindku rega' qal li matul is-Sajf ser ikun hemm bosta opportunitajiet ta' Craft, Story Telling, Skola Sajf u korsijiet tal-kompjuter.

Għalhekk fuq dan is-Suġġett is-Sindku talab sabiex tgħaddi għal voti. Il-Mistoqsija hija "min jaqbel li l-lezzjonijiet tal-qari isiru fix-Xitwa wkoll?"

Voti Favur 1

Voti Kontra 3

Astenzjonijiet 1

Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li dawn il-lezzjonijiet isiru fix-Xitwa ukoll.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

4.1 Il-pagamenti ġew approvati.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Mobile toilet fil-Bandli – Is-Sindku qal li Mobile toilet ser jaqdina d-Disma.
Ikollna bżonn li nirranġaw il-blokki tal-ġebel u għalhekk inqabbdu lil Walter sabiex icaqlaqhom bil-crane.

5.2 Il-Perit tal-Gvern għamel il-pjanti kollha tal-Parkeġġ li ser isir fi Triq Ras il-Ġebel fejn id-dressing rooms tal-Klabb tal-futbol u dawn ser jiġu pproċessati. Kif semmejna f'laqgħat preċedenti dan il-parkeġġ ser ikun pubbliku fuq bażi ta' *First Come First Served.*

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Attivitajiet Kulturali

6.1 Is-Sur Neil Attard qal li l-pjanijiet tat-Talent Show mixjin sewwa u ser ikun hemm ukoll il-preżenza ta' Gaia Cauchi. Din l-attivita' kif diġà tkellimna fil-laqgħa ta' qabel ser issir fit-3 ta' Mejju.

6.2 Is-Sindku semma' wkoll illi l-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar ser itella' attivita' li ser taħbat mal-festa ta' Lapsi u ser ikun meħtieġ li naraw li Jum ix-Xgħajra, bil marathona u t-tournament tal-futbol isiru f'data oħra qabel il-Festa ta' Lapsi. Ġie deċiż li jintbagħtu flyers kemm għal Jum ix-Xgħajra kif ukoll għal Lapsi. Ghalhekk Jum ix-Xgħajra ser jiġi ċċelebrat fit-18 ta'Mejju u l-Festa ta' Lapsi fl-1 ta' Ġunju b'attivita' fil-Belveder li fiha ser ikollna kantanti rinomati ta' suċċess f'pajjiżna bħal Renato Micallef. Apparti hekk ser ikun hemm ukoll artistist tal-Lokal.

Is-Sur Valvo qal li l-ħarġa kulturali li jmiss nistgħu nagħmluha nhar il-Ħamis 30 ta' April u noħduhom fil-Bird Park. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għal din il-ħarġa.

Il-Kunsill qiegħed jaħseb li norganizzaw ġurnata Għawdex fis-7 ta' Ġunju biex inżuru postijiet storiċi u ta' kultura. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet li issir din il-ħarġa.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Ma kienx hemm affarijiet oħra.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Aġġornament għal-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 2014 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt